# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Lulju 2023**

**Talba numru 131/2023 SFJ**

**LOUANA SAIJA ( KI 441881 M)**

**VS**

**THOMAS BARTOLO (KI 0049700L)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu l-attrici ippremettiet u talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal:

- *"Illi f'Gunju tas-sena 2023, ir-rikorrenti kien ikkomunikat maz-ziju tagħha, li jahdem bhala handyman, sabiex jghinha tirranga l-post taghha, fin-numru 73, Triq San Gwann, Flat 4, il-Belt Valletta;*
- *Illi z-ziju tagħha, peress illi ma kienx ikkwolifikat ghal kollox, avvicina lill-intimat sabiex jaghmel ix-xoghol tal-madum fit-tarazzin – madum mal-art kif ukoll madum mall-hitan ta' zewg kmamar tal-banju u madum mal-art ta' zewg kmamar ohra;*
- *Il-partijiet ftiehmu li dan kollu kellu jsir ghall-ammont globali ta' elfejn ewro (Eur 2,000), liema ammont kellu jithallas f'diversi pagamenti;*

- *Illi r-rikorrenti, tramite z-ziju taghha, ghamlet hames pagamenti, u dawn mill-ammont komplessiv ta' elf u seba' mitt ewro (Eur 1,700), karti iffirmata mill-intimat, fejn dan ikkonferma illi rcieva dawn l-ammonti, annessa w immarkata DOK NS 1;*
- *Illi matul dan iz-zmien, l-intimat gie darbtejn, massimu ta' tliet darbiet, u wara dan abbanduna x-xoghol appartat lilu u qatt ma gie aktar sabiex jispicca l-inkarigu lilu moghti;*
- *Illi sussegwentement, ir-rikorrenti inkarigat perit tal-fiducja taghha, liema perit ha in konsiderazzjoni il-ftit xoghol li sar, l-ammont li hallset ir-rikorrenti u x-xoghol pendenti, u kkonkluda li l-intimat kellu jithallas ghal xogholu hames mitt ewro (Eur 500) biss għax-xoghol li ghamel, rapport anness u mmarkat DOK LS 2;*
- *Illi r-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi sabiex tipprova tikkomunika mal-intimat, imma dan kollu kien ghal xejn, u baghtet ittra legali u talbet l-influzjoni tal-ammont ta' elf u mitejn ewro (Eur 1,200), ghal xoghol mhux esegwit, ittra annessa w immarkata DOK LS3;*
- *Illi wara din l-ittra ufficjali, kien hemm kuntatt u l-partijiet dahlu fi ftehim ta' ripagament, din id-darba bil-miktub, ftehim anness u mmarkat bhala DOK LS 4, fejn gie miftiehem li l-intimat ihallas mitejn ewro fix-xahar kif ukoll ihallas nofs l-ispejjes tal-perit;*
- *Illi, minkejja dan il-ftehim, l-intimat xorta wahda baqa' inadepjenti u qatt ma hallas l-ebda ammont;*
- *Illi minkejja li l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex jirrifondi lura l-ammont globali ta' elf, tliet mija hamsa w sebghin ewro (Eur 1,375.00), l-intimat baqa' inadepjenti".*

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa responsabbli li jirrifondi flus konzistenti f'depoziti li rcieva ghall-appalt esegwit in parti biss;
2. Jillikwada l-influzjoni lir-rikorrenti dovuta fl-ammont ta' elf, tliet mija hamsa w sebghin ewro (Eur 1,375.00);
3. Jikkundanna lill-intimat ihallas lill-imsemmi, l-ammont ta' elf, tliet mija hamsa w sebghin ewro (Eur 1,375.00),

bl-ispejjes u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal ra li l-konvenut ġie notifikat fis-4 ta' Mejju 2023, izda ma ppreżenta l-ebda risposta fit-terminu skont il-ligi u lanqas deher fis-seduti mizmuma quddiem dan l-Onorabbli Qorti.

## Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet tat -Tribunal

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

It-Tribunal ra illi gie pprezentat Kapitolu mill-avukat tal-attur, Dr. Peter Fenech, fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2023, kif ukoll gie pprezentat, permezz ta' nota datata 9 ta' Gunju 2023, Affidavit tal-attrici.

Ra illi, fl-Affidavit tal-attrici, gie spjegat dan kollu illi ntalab fl-Avviz, li jikkorrispondi wkoll mad-dokumenti provduti, annessi mal-istess Avviz.

Ra d-dokumenti kollha annessi, principalment DOK LS 1, li kienet ircevuta datata 30 ta' Gunju 2022, fejn gie ddikjarat illi l-intimat kien ircieva is-somma ta' hames mitt ewro (Eur 500), dokument iehor datat 4 ta' Lulju 2022, li kienet ukoll ircevuta ohra, Inspection and Valuation Report, li huwa mmarkat bhala DOK LS 2, datat 20 ta' Settembru 2022, kif ukoll DOK LS 3, li kienet l-ittra legali mibghuta lil Thomas Bartolo fit-23 ta' Settembru 2022.

Ra wkoll il-ftehim ta' ripagament, datat 19 ta' Ottubru 2022, DOK LS 4, iffirmat minn Thomas Bartolo, li jinsab a Fol 16 u 17 ta' dan il-process.

Wara li t-Tribunal ra din id-dokumentazzjoni kollha relattiva, li tinkludi wkoll Affidavit tal-attrici, it-Tribunal ma jsibx ebda diffikulta' sabiex jikkonkludi li l-attrici timmerita li tiehu l-ammont riklamat skont l-avviz tat-talba.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl ta' dan il-fatt, ghalhekk, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attrici u konsegwentement:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa responsabbli li jirrifondi flus konsistenti f'depoziti li rcieva ghall-appalt esegwit in parti biss;
2. Jillikwida r-rifuzjoni lir-rikorrenti dovuta fl-ammont ta' elf, tliet mija hamsa w sebghin ewro (Eur 1,375.00);
3. Jikkundanna lill-intimat ihallas lill-attrici, s-somma ta' elf, tliet mija hamsa w sebghin ewro (Eur 1,375.00), bl-ispejjes kif ukoll bl-interessi mid-data tal-ittra legali, u cioe' mit-23 ta' Settembru 2022, sad-data tal-pagament effettiv.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**